**IL-KONVENZJONI EWROPEA**
IS-SEGRETARJAT

**Brussel, it-18 ta' Lulju 2003**

**CONV 851/03**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Mis-: | Segretarjat |
| Lill-: | Konvenzjoni |
| **Suġġett :** | **Rapport mill-Presidenza tal-Konvenzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew** |

Membri tal-Konvenzjoni jsibu hawnhekk anness ir-rapport tal-Presidenza tal-Konvenzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew.

**RAPPORT**
**MILL-PRESIDENZA TAL-KONVENZJONI**
**LILL-PRESIDENT TAL-KUNSILL EWROPEW**

1. Bi tweġiba għall-mandat mil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fl-14 u fil-15 ta' Diċembru 2001, il-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa wettqet il-kompitu tagħha, u tissottometti lill-President tal-Kunsill Ewropew ir-riżultat tax-xogħol tagħha: abbozz ta' Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

2. Kif previst fid-Dikjarazzjoni ta' Laeken, il-President tal-Konvenzjoni ta rapporti dwar il-progress lill-Kunsill Ewropew fil-laqgħat tiegħu f'Ġunju 2002 (f'Sivilja), f'Ottubru 2002 (fi Brussel), f'Diċembru 2002 (f'*Copenhagen*), f'April 2003 (f'Ateni). Hu ppreżenta l-Partijiet I u II ta' l-abbozz tat-Trattat lill-Kunsill Ewropew f'Salonka fl-20 ta' Ġunju 2003: sussegwentement ma sarulhomx bidliet. Il-Partijiet III u IV, li t-testi *interim* tagħhom kienu disponibbli f'Salonka, issa ġew finalizzati, u jinsabu miżjuda.

3. Dan jikkonkludi sbatax-il xahar xogħol mill-Konvenzjoni li l-membri tagħha, flimkien mas-supplenti tagħhom, huma elenkati fl-Anness I. Huma ltaqgħu f'sessjoni plenarja f'26 okkażjoni (52 jum), fejn instemgħu iktar minn 1800 intervent. Il-Konvenzjoni stabbiliet ukoll ħdax-il Grupp ta' Xogħol u tliet Ċirkoli ta' Diskussjoni, kull wieħed bil-mandat speċifiku tiegħu, li ltaqgħu biex jindirizzaw materji partikolari (elenkati fl-Anness II) u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Konvenzjoni in ġenerali. Il-membri tal-Konvenzjoni ipprovdew wkoll 386 kontribuzzjoni bil-miktub lill-Konvenzjoni in ġenerali, u 773 lil Gruppi tax-Xogħol u liċ-ċirkoli ta' Diskussjoni.

4. Il-Presidju, li l-membri tiegħu huma elenkati fl-Anness I, iltaqa' f'50 okkażjoni, u ssottometta 52 karta lill-Konvenzjoni. Membri tal-Presidju ppresedew il-Gruppi tax-Xogħol u ċ-Ċirkoli ta' Diskussjoni elenkati fl-Anness II, u ppreżentaw ir-rapporti tagħhom lill-Konvenzjoni.

5. Il-Konvenzjoni operat b'mod kompletament trasparenti: il-laqgħat tagħha kienu miftuħin għall-pubbliku, u d-dokumenti uffiċjali kollha tagħha kienu disponibbli fuq il-*website* tagħha, li rċeviet medja ta' 47,000 viżitant fix-xahar, li telgħu għal 100,000 f'Ġunju 2003. Barra minn hekk ħadet numru ta' inizjattivi sabiex tassigura parteċipazzjoni akbar fix-xogħol tagħha. Il-Forum stabbilit skond id-dikjarazzjoni ta' Laeken irċieva 1264 kontribuzzjoni minn NGOs, mill-komunità tal-kummerċ, mill-akkademja u minn oħrajn. Kienu organizzati laqgħat ma' firxa wiesgħa ta' gruppi b'interess fil-Konvenzjoni. Dawn kienu jinkludu knejjes u organizzazzjonijiet reliġjużi, gruppi ta' analisti, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet lokali u reġjonali, u NGOs. B'żieda saret sessjoni plenarja speċjali għas-soċjetà ċivili f'Ġunju 2002. Kienet organizzata Konvenzjoni taż-żgħażagħ f'Lulju 2002: il-President elett tagħha sar osservatur addizzjonali ta' l-eżerċizzju tax-xogħol tal-Konvenzjoni.

6. Element essenzjali fis-suċċess tal-Konvenzjoni kien ir-rwol komplet li żvolġew il-membri tagħha mill-pajjiżi kandidati. Skond id-dikjarazzjoni ta' Laeken, huma ppparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċeduri tal-Konvenzjoni; il-Konvenzjoni ddeċidiet li tmur pass 'il quddiem, u wieħed mir-rappreżentanti tagħhom, elett minnhom, kien mistieden jipparteċipa fid-diskussjonijiet kollha tal-Presidju. Saru wkoll arranġamenti għal interpretazzjoni sabiex membri minn pajjiżi kandidati setgħu jindirizzaw lill-Konvenzjoni fil-lingwi proprji. Id-deċiżjoni mill-Kunsill Ewropew dwar it-tkabbir f'Diċembru 2002, u l-proċess sussegwenti ta' ratifika fil-pajjiżi kandidati, jemfasizzaw is-sinifikanza ta' dawn id-deċiżjonijiet prattiċi meħuda kmieni fil-Konvenzjoni.

7. Il-kompitu mogħti lill-Konvenzjoni kien ibbażat fuq l-erba' materji indirizzati fid-"Dikjarazzjoni ta' Nizza dwar il-futur ta' l-Unjoni", u mbagħad żviluppati iktar fil-mandat stabbilit mill-Kunsill Ewropew f'Laeken. Tul il-laqgħat inizjali tagħha, il-Konvenzjoni indirizzat materji bħad-delimitazzjoni ta' kompetenzi u s-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti u l-proċeduri ta' l-Unjoni. Dawn id-diskussjonijiet plenarji, flimkien mar-riżultat ta' l-ewwel mewġa ta' gruppi tax-xogħol, ippermettew lill-Konvenzjoni biex tiddefinixxi, f'Ottubru 2002, l-istruttura l-iktar approprjata tat-trattat futur li twieġeb b'mod partikolari għall-ħtiġiet ta' kjarezza u simplifikazzjoni. Ir-riżultat tal-Konvenzjoni jirrifletti dan: għaqda

u riorganizzazzjoni tat-trattati eżistenti fil-forma ta' abbozz tal-Kostituzzjoni, u għalhekk personalità ġuridika waħda għall-Unjoni Ewropea. Dan l-approċċ assigura sostenn minn numru kbir ta' membri tal-Konvenzjoni, u ppermetta lill-Konvenzjoni sussegwentement biex tilħaq *consensus* wiesa' dwar it-test konsolidat u komplet ta' abbozz tat-Trattat, f' erba' Partijiet, li hi tippreżenta lill-Kunsill Ewropew.

8. Il-Konvenzjoni ftehmet dwar titjib maġġuri tan-natura demokratika ta' l-Unjoni. Il-Kostituzzjoni tinkorporah, u titlob għal espansjoni sinifikanti tar-rwol tal-Parlament Ewropew, bl-irduppjar tal-qasam ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni meħud b' kodeċiżjoni, li jsir il-proċess normali leġislattiv ta' l-Unjoni, u simplifikazzjoni sostanzjali ta' proċeduri korrispondenti. Barra minn hekk, ġew maħsuba mekkaniżmi ġodda sabiex jassiguraw fluss aħjar ta' l-informazzjoni lill-Parlamenti nazzjonali, u l-involviment tagħhom iktar mill-qrib fix-xogħol ta' l-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-leġislazzjoni. Il-kompetenzi ta' l-Unjoni ġew kjarifikati, kategorizzati u stabilizzati, u l-firxa tagħha ta' strumenti legali mnaqqsa, fl-interessi ta' fehma pubblika aħjar, azzjoni iktar effettiva, u distinzjoni ċara bejn ir-rwoli ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri.

9. Sabiex l-Istituzzjonijiet ċentrali ta' l-Unjoni jkunu jistgħu jadattaw għad-dimensjoni ġdida ta' Tkabbir, ġew inkorporati fil-Kostituzzjoni mezzi għat-tisħiħ tat-tlieta li huma, waqt li jinżamm il-bilanċ bejniethom. Il-Konvenzjoni hija konvinta li dawn ir-riformi jtejjbu sostanzjalment l-effettività ta' l-Unjoni.

10. Il-Kostituzzjoni tinkorpora, bħala l-Parti II tagħha, il-Karta ta' Drittijiet Fondamentali proklamata fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza. Il-Konvenzjoni nnutat li l-"Ispjegazzjonijiet" imfassla fuq l-istigazzjoni tal-Presidju tal-Konvenzjoni tal-Karta, u aġġornati taħt l-awtorità tal-Presidju ta' din il-Konvenzjoni, huma mezz importanti għall-intepretazzjoni tal-Karta.

11. Il-Konvenzjoni ppreparat it-testi tal-Protokolli l-ġodda dwar ir-Rwol ta' Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità, kif ukoll dwar l-*Eurogroup* u l-*Euratom*. La ppruvat tirrevedi Protokolli eżistenti għat-Trattati kurrenti, u lanqas għalhekk li tipprepara t-testi tal-Protokolli msemmija fl-Artikoli IV-1 u IV-2: ikollha tidħol responsabbli għal dan il-kompitu il-Konferenza Intergovernattiva. Bl-istess mod, il-Konferenza Intergovernattiva tikkonkludi l-listi, previsti fl-Artikoli III-213 u III-214, ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'

kooperazzjoni eqreb u dwar id-difiża reċiproka; u tassigura tweġiba għas-sejħa, stabbilita fid-Dikjarazzjoni rilevanti tal-Konvenzjoni, għall-istabbiliment f'waqtu ta' Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

12. L-attenzjoni tal-Kunsill Ewropew tinġibed għal żewġ kwistjonijiet speċifiċi ulterjuri li jista' jkollu x-xewqa jsegwi. L-ewwel nett, numru kbir ta' membri tal-Konvenzjoni argumentaw għal approċċ iktar ambizzjuż għall-kwistjoni ta' trasparenza, inkluża speċifikament il-preżunzjoni awtomatika ta' dritt pubbliku ta' aċċess għad-dokumenti kollha. Il-Kostituzzjoni proposta timponi obbligu fuq l-istituzzjonijiet biex jadottaw regoli dwar it-trasparenza. Il-livell ta' ambizzjoni ta' dawn ir-regoli, u għalhekk il-limitu sa fejn jistgħu jiġu sodisfatti domandi għall-aċċess, għalhekk jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-kwadru ta' leġislazzjoni sussegwenti.

13. Fit-tieni nett, għalkemm xi wħud mill-membri xtaqu jeżaminaw mill-ġdid, u forsi jaġġornaw, id-disposizzjonijiet tat-trattat ta' l-*Euratom*, il-Konvenzjoni ma kienitx temmen li kellha l-mandat jew il-ħin u l-kompetenza biex tagħmel dan. Il-futur ta' l-*Euratom* għalhekk jibqa' kwistjoni li l-Kunsill Ewropew jista' jixtieq jindirizza f'xi stadju.

14. Ċerti membri tal-Konvenzjoni, għalkemm ma kienux qegħdin jippruvaw jostakolaw il-*consensus,* ma setgħux jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-abbozz tal-Kostituzzjoni. Grupp ta' 4 membri kkunsidra li l-Konvenzjoni ma kienitx wieġbet b'mod approprjat għas-sezzjoni tal-mandat ta' Laeken dwar iż-żieda tal-leġittimità demokratika; ir-rapport alternattiv ta' minorità tagħhom li jipproponi "Ewropa ta' demokraziji" huwa mehmuż fl-Anness III.

15. Xi membri oħra tal-Konvenzjoni, waqt li ingħaqdu mal-*consensus* in ġenerali dwar it-test ta' l-abbozz tal-Kostituzzjoni, kienu jippreferu approċċ li jmur iktar il-bogħod, partikolarment fir-rigward ta' l-estensjoni ta' Votazzjoni ta' Maġġoranza Kkwalifikata u l-proċeduri għall-Emenda futura tal-Kostituzzjoni.

16. Grazzi għall-grad għoli ta' impenn u involviment tal-membri kollha tagħha il-Konvenzjoni setgħet twettaq b'suċċess ix-xogħol tagħha, u tippreżenta dak li l-Kunsill Ewropew ta' Salonka ikkunsidra "bażi tajba" għall-Konferenza Intergovernattiva li ġejja. Tispera li l-momentum li kien iġġenerat, u l-bilanċ ta' sinteżi li sabet *consensus* fuqu wara eżami twil u ta' reqqa, jinżammu mill-Konferenza Intergovernattiva.

17. Wara li ġie sodisfatt il-mandat mogħti lilha mill-Kunsill Ewropew ta' Laeken, il-Konvenzjoni waslet fi tmiemha. Fil-preżentazzjoni ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, u dan ir-rapport, il-Presidenza tirrilaxxa l-missjoni tagħha, u ċċedi postha.

18. L-arkivji tal-Konvenzjoni jiġu depożitati fis-Segretarjat tal-Kunsill.

Valéry Giscard d'Estaing
President tal-Konvenzjoni

Giuliano Amato
Viċi-President

Jean-Luc Dehaene
Viċi-President

John Kerr
Segretarju-Ġenerali

# *IL-KONVENZJONI EWROPEA*

**LISTA TAL-MEMBRI**

## IL-PRESIDENZA

| | |
|---|---|
| Is-Sur Valéry GISCARD d'ESTAING | **President** |
| Is-Sur Giuliano AMATO | **Viċi-President** |
| Is-Sur Jean-Luc DEHAENE | **Viċi-President** |

## MEMBRI OĦRA TAL-PRESIDJU

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michel BARNIER | Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea |
| Is-Sur John BRUTON | Rappreżentant tal-Parlamenti Nazzjonali |
| Is-Sur Henning CHRISTOPHERSEN | Rappreżentant tal-Presidenza Daniża |
| Is-Sur Alfonso DASTIS | Rappreżentant tal-Presidenza Spanjola (minn Marzu 2003) |
| Is-Sur Klaus HÄNSCH | Rappreżentant tal-Parlament Ewropew |
| Is-Sur Giorgos KATIFORIS | Rappreżentant tal-Presidenza Griega (sa Frar 2003) |
| Is-Sur Iñigo MÉNDEZ DE VIGO | Rappreżentant tal-Parlament Ewropew |
| Is-Sinjura Ana PALACIO | Rappreżentanti tal-Presidenza Spanjola (sa Marzu 2003) |
| Is-Sur Giorgos PAPANDREOU | Rappreżentant tal-Presidenza Griega (minn Frar 2003) |
| Is-Sinjura Gisela STUART | Rappreżentanti tal-Parlamenti Nazzjonali |
| Is-Sur Antonio VITORINO | Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea |
| Is-Sur Alojz PETERLE | Mistieden |

## IL-MEMBRI TAL-KONVENZJONI

### RAPPREŻENTANTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sur Jens-Peter BONDE (DK)
Is-Sur Elmar BROK (D)
Is-Sur Andrew Nicholas DUFF (UK)
Is-Sur Olivier DUHAMEL (F)
Is-Sur Klaus HÄNSCH (D)
Is-Sinjura Sylvia-Yvonne KAUFMANN (D)

Is-Sur Timothy KIRKHOPE (UK)
Is-Sur Alain LAMASSOURE (F)
Is-Sinjura Linda McAVAN (UK)
Is-Sinjura Hanja MAIJ-WEGGEN (NL)
Is-Sur Luís MARINHO (P)
Is-Sur Íñigo MÉNDEZ DE VIGO Y MONTOJO (ES)
Is-Sinjura Cristiana MUSCARDINI (IT)
Is-Sur Antonio TAJANI (IT)
Is-Sinjura Anne VAN LANCKER (B)
Is-Sur Johannes VOGGENHUBER (ÖS)

**RAPPREŻENTANTI TAL-KUMMISSJONI**

Is-Sur Michel BARNIER

Is-Sur António VITORINO

**RAPPREŻENTANTI TA' L-ISTATI MEMBRI**

**IL-PAJJIŻ**

**BELGIË/IL-BELĠJU**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Louis MICHEL | Is-Sur Karel DE GUCHT<br>Is-Sur Elio DI RUPO |

**ID-DANIMARKA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Henning CHRISTOPHERSEN | Is-Sur Peter SKAARUP<br>Is-Sur Henrik DAM KRISTENSEN |

**IL-ĠERMANJA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Joschka FISCHER<br>*issostitwixxa lis-Sur Peter GLOTZ f' Novembru 2002* | Is-Sur Jürgen MEYER<br>Is-Sur Erwin TEUFEL |

**IL-GREĊJA**

**Gvern**
Is-Sur Giorgos PAPANDREOU
*issostitwixxa lis-Sur Giorgos KATIFORIS fi Frar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Paraskevas AVGERINOS
Is-Sinjura Marietta GIANNAKOU

**SPANJA**

**Gvern**
Is-Sur Alfonso DASTIS
*issostitwixxa lis-Sur Carlos BASTARRECHE bħala supplent f'Sett. 2002,imbagħad is-Sinjura A. Palacio bħala membru, f'Marzu 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Josep BORRELL FONTELLES
Is-Sur Gabriel CISNEROS LABORDA

**FRANZA**

**Gvern**
Is-Sur Dominique de VILLEPIN
*issostitwixxa lis-SurPierre MOSCOVICI f'Novembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur. Pierre LEQUILLER
*issostitwixxa lis-Sur Alain BARRAU f'Lulju 2002*
Is-Sur Hubert HAENEL

**L-IRLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Dick ROCHE
*issostitwixxa lis-Sur Ray MacSHARRY f'Lulju 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur John BRUTON
Is-Sur Proinsias DE ROSSA

**L-ITALJA**

**Gvern**
Is-Sur Gianfranco FINI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Marco FOLLINI
Is-Sur Lamberto DINI

**IL-LUSSEMBURGU**

**Gvern**
Is-Sur Jacques SANTER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Paul HELMINGER
Is-Sur Ben FAYOT

**L-OLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Gijs de VRIES
*issostitwixxa lis-Sur Hans van MIERLO f'Ottubru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur René van der LINDEN
Is-Sur Frans TIMMERMANS

**L-AWSTRIJA**

**Gvern**
Is-Sur Hannes FARNLEITNER

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Caspar EINEM
Is-Sur Reinhard Eugen BÖSCH

**IL-PORTUGALL**

**Gvern**
Is-Sur Ernâni LOPES
*issostitwixxa lis-Sur João de VALLERA f'Mejju 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Alberto COSTA
Is-Sinjura Eduarda AZEVEDO

**SUOMI/IL-FINLANDJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Teija TIILIKAINEN

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Kimmo KILJUNEN
Is-Sur Jari VILÉN
*issostitwixxa lis-Sur Matti VANHANEN f'Mejju 2003*

**L-ISVEZJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Lena HJELM-WALLÉN

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Sören LEKBERG
Is-Sur Göran LENNMARKER

**IR-RENJU UNIT**

**Gvern**
Is-Sur Peter HAIN

**Parlament nazzjonali**
Is-SinjuraGisela STUART
Is-Sur David HEATHCOAT-AMORY

## RAPPREŻENTANTI TAL-PAJJIŻI KANDIDATI

**IL-PAJJIŻ**

**Κΰπρος/ IĊ-ĊIPRU**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Michael ATTALIDES | Is-Sinjura Eleni MAVROU<br>Is-Sur Panayiotis DEMETRIOU |

**MALTA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Peter SERRACINO-INGLOTT | Is-Sur Michael FRENDO<br>Is-Sur Alfred SANT |

**MAGYARORSZÀG/L-UNGERIJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Péter BALÁZS<br>*issostitwixxa lis-Sur János MARTONYI f'Ġunju 2002* | Is-Sur József SZÁJER<br>Is-Sur Pál VASTAGH |

**POLSKA/IL-POLONJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sinjura Danuta HÜBNER | Is-Sur Jozef OLEKSY<br>Is-Sur Edmund WITTBRODT |

**ROMÂNIA/IR-RUMANIJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sinjura Hildegard Carola PUWAK | Is-Sur Alexandru ATHANASIU<br>*issostitwixxa lis-Sur Liviu MAIOR fi Frar 2003*<br>Is-Sur Puiu HASOTTI |

**SLOVENSKO/IS-SLOVAKKJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Ivan KORČOK<br>*issostitwixxa lis-Sur Ján FIGEL f'Novembru 2002* | Is-Sur Jan FIGEL<br>*issostitwixxa lis-Sur Pavol HAMZIK f'Ottubru 2002*<br>Is-Sinjura Irena BELOHORSKÁ |

**LATVIJA/IL-LATVJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Sandra KALNIETE
*issostitwiet lis-Sur Roberts ZILE f'Jannar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Rihards PIKS
Is-Sinjura Liene LIEPINA
*issostitwiet lis-Sur Edvins INKĒNS f'Jannar 2003*

**EESTI/L-ESTONJA**

**Gvern**
Is-Sur Lennart MERI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Tunne KELAM
Is-Sur Rein LANG
*issostitwixxa lis-Sur Peeter REITZBERG f'April 2003*

**LIETUVA/IL-LITWANJA**

**Gvern**
Is-Sur Rytis MARTIKONIS

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Vytenis ANDRIUKAITIS
Is-Sur Algirdas GRICIUS *f' Diċembru 2002 issostitwixxa lis-Sur Alvydas MEDALINSKAS, li ssostitwixxa huwa stess lis-Sinjura Dalia KUTRAITE-GIEDRAITIENE bħala supplenti*

**Българ**и**я/IL-BULGARIJA**

**Gvern**
Is-Sinjura Meglena KUNEVA

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Daniel VALCHEV
Is-Sur Nikolai MLADENOV

**ČESKÁ REPUBLIKA/**
**IR-REPUBBLIKA ĊEKA**

**Gvern**
Is-Sur Jan KOHOUT
*issostitwixxa lis-Sur Jan KAVAN f'Settembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jan ZAHRADIL
Is-Sur Josef ZIELENIEC

**SLOVENIJA/IS-SLOVENJA**

**Gvern**
Is-Sur Dimitrij RUPEL
*issostitwixxa lis-Sur Matjaz NAHTIGAL f'Jannar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jelko KACIN
*issostitwixxa lis-Sur Slavko GABER f'Jannar 2003*
Is-Sur Alojz PETERLE

**TÜRQÍYE/IT-TURKIJA**

**Gvern**
Is-Sur Abdullah GÜL
*issostitwixxa f'Marzu 2003 lis-Sur Yasar YAKIS, li hu stess kien sostitut tas-Sur Mesut YILMAZ, f'Diċembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Zekeriya AKCAM
*issostitwixxa lis-Sur Ali TEKIN f'Diċembru 2002*
Is-Sur Kemal DERVIŞ
*Issostitwixxa lis-Sinjura Ayfer YILMAZ f'Diċembru 2002*

## IS-SUPPLENTI

### RAPPREŻENTANTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sur William ABITBOL (F)
Is-Sinjura ALMEIDA GARRETT (P)
Is-Sur John CUSHNAHAN (IRL)
Is-Sinjura Lone DYBKJAER (DK)
Is-Sinjura Pervenche BERÈS (F)
Is-Sinjura Maria BERGER (ÖS)
Is-Sur Carlos CARNERO GONZÁLEZ (ES)
Is-Sur Neil MacCORMICK (UK)
Is-Sinjura Piia-Noora KAUPPI (FI)
Is-Sinjura Elena PACIOTTI (IT)
Is-Sur Luís QUEIRÓ (P)
Is-Sur Reinhard RACK (ÖS)
Is-Sur Esko SEPPÄNEN (FI)
l-*Earl of* STOCKTON (UK)
Is-Sinjura Helle THORNING-SCHMIDT (DK)
Is-Sur Joachim WUERMELING (D)

## RAPPREŻENTANTI TAL-KUMMISSJONI

Is-Sur David O'SULLIVAN

Is-Sur Paolo PONZANO

## RAPPREŻENTANTI TA' L-ISTATI MEMBRI

**IL-PAJJIŻ**

**BELGIË/IL-BELĠJU**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Pierre CHEVALIER | Is-Sur Danny PIETERS<br>Is-Sinjura Marie NAGY |

**ID-DANIMARKA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Poul SCHLÜTER | Is-Sur Per DALGAARD<br>Is-Sur Niels HELVEG PETERSEN |

**IL-ĠERMANJA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Hans Martin BURY<br>*issostitwixxa lis-Sur Gunter PLEUGER f'Novembru 2002* | Is-Sur Peter ALTMAIER<br>Is-Sur Wolfgang GERHARDS<br>*issostitwixxa lis-Sur Wolfgang SENFF f'Marzu 2003* |

**IL-GREĊJA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sur Giorgos KATIFORIS<br>*issostitwixxa lis-Sur Panayiotis IOAKIMIDIS fi Frar 2003* | Is-Sur Nikolaos CONSTANTOPOULOS<br>Is-Sur Evripidis STILINIADIS |

**SPANJA**

| **Gvern** | **Parlament nazzjonali** |
|---|---|
| Is-Sinjura Ana PALACIO<br>*issostitwiet lis-Sur Alfonso Dastis f'Marzu 2003* | Is-Sur Diego LÓPEZ GARRIDO<br>Is-Sur Alejandro MUÑOZ LONSO |

**FRANZA**

**Gvern**
Is-Sinjura Pascale ANDREANI
*issostitwiet lis-Sur Pierre VIMONT f'Awwissu 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Jacques FLOCH
*issostitwixxa lis-Sinjura Anne-Marie IDRAC f'Lulju 2002*
Is-Sur Robert BADINTER

**L-IRLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Bobby McDONAGH

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Pat CAREY, *issostitwixxa lis-Sur Martin CULLEN f'Lulju 2002*
Is-Sur John GORMLEY

**L-ITALJA**

**Gvern**
Is-Sur Francesco E. SPERONI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Valdo SPINI
Is-Sur Filadelfio Guido BASILE

**IL-LUSSEMBURGU**

**Gvern**
Is-Sur Nicolas SCHMIT

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Gaston GIBERYEN
Is-Sinjura Renée WAGENER

**L-OLANDA**

**Gvern**
Is-Sur Thom de BRUIJN

**Parlament nazzjonali**
Is-SurWim van EEKELEN
s-Sur Jan Jacob van DIJK
*issostitwixxa lis-Sur Hans van BAALEN f'Ottubru 2002*

**L-AWSTRIJA**

**Gvern**
Is-Sur Gerhard TUSEK

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Evelin LICHTENBERGER
Is-Sur Eduard MAINONI
*issostitwixxa lis-Sur Gerhard KURZMANN f'Marzu 2003*

**IL-PORTUGALL**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Manuel LOBO ANTUNES | Is-Sur Guilherme d'OLIVEIRA MARTINS, *issostitwixxa lis-Sur Osvaldo de CASTRO f'Ġunju 2002*<br>Is-Sur António NAZARÉ PEREIRA |

**SUOMI/IL-FINLANDJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Antti PELTOMÄKI | Is-Sur Hannu TAKKULA *issostitwixxa lis-Sinjura Riitta KORHONEN f'Mejju 2003*<br>Is-Sur Esko HELLE |

**L-ISVEZJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Sven-Olof PETERSSON *issostitwixxa lis-Sinjura Lena HALLENGREN f'Diċembru 2002* | Is-Sur Kenneth KVIST<br>Is-Sur Ingvar SVENSSON |

**IR-RENJU UNIT**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Il-Barunessa SCOTLAND OF ASTHAL | Il-Lord TOMLINSON<br>Il-Lord MACLENNAN OF ROGART |

## RAPPREŻENTANTI TAL-PAJJIŻI KANDIDATI

**IL-PAJJIŻ**

**Κΰπρος/IĊ-ĊIPRU**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Theophilos V. THEOPHILOU | Is-Sur Marios MATSAKIS<br>Is-Sinjura Androula VASSILIOU |

**MALTA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur John INGUANEZ | Is-Sinjura Dolores CRISTINA<br>Is-Sur George VELLA |

**MAGYARORSZÀG/**
**L-UNGERIJA**

**Gvern**
Is-Sur Péter GOTTFRIED

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur András KELEMEN
Is-Sur István SZENT-IVÁNYI

**POLSKA/IL-POLONJA**

**Gvern**
Is-Sur Janusz TRZCIŃSKI

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Marta FOGLER
Is-Sinjura Genowefa GRABOWSKA

**ROMÂNIA/IR-RUMANIJA**

**Gvern**
Is-Sur Constantin ENE
*issostitwixxa lis-Sur Ion JINGA f'Diċembru 2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Péter ECKSTEIN-KOVACS
Is-Sur Adrian SEVERIN

**SLOVENSKO/IS-SLOVAKKJA**

**Gvern**
Is-Sur Juraj MIGAŠ

**Parlament nazzjonali**
Is-Sinjura Zuzana MARTINAKOVA
*issostitwiet lis-Sur Frantisek SEBEJ f'Novembru2002*
Is-Sur Boris ZALA
*issostitwixxa lis-Sinjura Olga KELTOSOVA f'Novembru 2002*

**LATVIJA/IL-LATVJA**

**Gvern**
Is-Sur Roberts ZILE
*issostitwixxa lis-Sur Guntars KRASTS f'Jannar 2003*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Guntars KRASTS
*issostitwixxa lis-Sur Maris SPRINDZUKS f'Jannar 2003*
Is-Sur Arturs Krisjanis KARINS
*issostitwixxa lis-Sinjura IneseBIRZNIECE f'Jannar 2003*

**EESTI/L-ESTONJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Henrik HOLOLEI | Is-Sinjura Liina TÕNISSON<br>*issostitwiet lis-Sinjura Liia HÄNNI f'April 2003*<br>Is-Sur Urmas REINSALU<br>*issostitwixxa lis-Sur Ülo TÄRNO f'April 2003* |

**LIETUVA/IL-LITWANJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Oskaras JUSYS | Is-Sur Gintautas ŠIVICKAS<br>*issostitwixxa fi Frar 2003 lis-Sur Gediminas DALINKEVICIUS, li kien issostitwixxa lis-Sur Rolandas PAVILIONIS, f'Diċembru 2002*<br>Is-Sur Eugenijus MALDEIKIS<br>*issostitwixxa lis-Sur Alvydas MEDALINSKAS fi Frar 2003* |

**Българиия/IL-BULGARIJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sinjura Neli KUTSKOVA | Is-Sur Alexander ARABADJIEV<br>Is-Sur Nesrin UZUN |

**ČESKÁ REPUBLIKA/**
**IR-REPUBBLIKA ĊEKA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sinjura Lenka Anna ROVNA<br>*issostitwiet lis-Sur Jan KOHOUT f'Settembru 2002* | Is-Sur Petr NEČAS<br>Is-Sur František KROUPA |

**SLOVENIJA/IS-SLOVENJA**

| Gvern | Parlament nazzjonali |
|---|---|
| Is-Sur Janez LENARČIČ | Is-Sur Franc HORVAT<br>*issostitwixxa lis-Sinjura Danica SIMŠIČ f'Jannar 2003*<br>Is-Sur Mihael BREJC |

**TÜRQÍYE/IT-TURIKIJA**

**Gvern**
Is-Sur Oğuz DEMIRALP
*issostitwixxa lis-Sur Nihat AKYOL f'Awwissu2002*

**Parlament nazzjonali**
Is-Sur Ibrahim ÖZAL
*issostitwixxa lis-Sur Kürsat ESER f'Diċembru 2002*
Is-Sur Necdet BUDAK
*issostitwixxa lis-Sur A. Emre KOCAOGLOU f'Diċembru 2002*

## L-OSSERVATURI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Roger BRIESCH | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Josef CHABERT | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur João CRAVINHO | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Manfred DAMMEYER | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Patrick DEWAEL | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Nikiforos DIAMANDOUROS *(issostitwixxa lis-Sur Jacob SÖDERMAN f'Marzu 2003)* | L-Ombudsman Ewropew |
| Is-Sinjura Claude DU GRANRUT | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sur Göke Daniel FRERICHS | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Emilio GABAGLIO | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Georges JACOBS | L-Imsieħba Soċjali Ewropej |
| Is-Sur Claudio MARTINI | Il-Kumitat tar-Reġjuni |
| Is-Sinjura Anne-Maria SIGMUND | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali |
| Is-Sur Ramón Luis VALCÁRCEL SISO *(issostitwixxa lis-Sur Eduardo ZAPLANA fi Frar 2003, is-Sinjura Eva-Riitta SIITONEN kienet supplent minn Ottubru 2002)* | Il-Kumitat tar-Reġjuni |

## IS-SEGRETARJAT

| | |
|---|---|
| Sir John KERR | Segretarju Ġenerali |
| Is-Sinjura Annalisa GIANNELLA | Deputat Segretarja Ġenerali |

Is-Sinjura Marta ARPIO SANTACRUZ
Is-Sur Hervé BRIBOSIA
Is-Sinjura Elisabeth GATEAU
Is-Sinjura Maria José MARTÍNEZ IGLESIAS
Is-Sur Guy MILTON
Is-Sinjura Kristin de PEYRON
Is-Sur Alain PIOTROWSKI
Is-Sinjura Alessandra SCHIAVO
Is-Sinjura Maryem van den HEUVEL
Is-Sinjura Agnieszka BARTOL
Is-Sinjura Nicole BUCHET
Is-Sur Clemens LADENBURGER
Is-Sur Nikolaus MEYER LANDRUT
Is-Sur Ricardo PASSOS
Is-Sur Alain PILETTE
Is-Sur Etienne de PONCINS
Is-Sinjura Walpurga SPECKBACHER

## IL-GRUPPI TAX-XOGĦOL

| **Is-Suġġett** | **Il-President** | **Ir-Rapport** |
|---|---|---|
| 1. Is-Sussidjarjetà | Is-Sur Mendez de Vigo | CONV 286/02 tat-23 ta' Settembru 2002 |
| 2. Il-Karta | Is-Sur Vitorino | CONV 354/02 tat-22 ta' Ottubru 2002 |
| 3. Il-Personalità ġuridika | Il-Viċi-President Amato | CONV 305/02 ta' l-1 ta' Ottubru 2002 |
| 4. Ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali | Is-Sinjura Stuart | CONV 353/02 tat-22 ta' Ottubru 2002 |
| 5. Kompetenzi kumplimentari | Is-Sur Christophersen | CONV 375/1/02 ta' l-4 ta' Novembru 2002 |
| 6. Governanza Ekonomika | Is-Sur Hänsch | CONV 357/02 tal-21 ta' Ottubru 2002 |
| 7. Azzjoni Esterna | Il-Viċi-President Dehaene | CONV 459/02 tas-16 ta' Diċembru 2002 |
| 8. Id-Difiża | Is-Sur Barnier | CONV 461/02 tas-16 ta' Diċembru 2002 |
| 9. Is-Simplifikazzjoni | Il-Viċi-President Amato | CONV 424/02 tad-29 ta' Novembru 2002 |
| 10. Il-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja | Is-Sur Bruton | CONV 426/02 tat-2 ta' Diċembru 2002 |
| 11. L-Ewropa Soċjali | Is-Sur Katiforis | CONV 516/1/03 ta' l-4 ta' Frar 2003 |

## IĊ-ĊIRKOLI TA' DISKUSSJONI

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Qorti tal-Ġustizzja | Is-Sur Vitorino | CONV 636/03 tal-25 ta' Marzu 2003 |
| 2. Il-Proċedura tal-*Budget* | Is-Sur Christophersen | CONV 679/03 ta' l-14 ta' April 2003 |
| 3. Ir-Riżorsi proprji | Is-Sur Mendez de Vigo | CONV 730/03 tat-8 ta' Mejju 2003 |

# Rapport Alternattiv

# L-EWROPA TAD-DEMOKRAZIJI

**Il-Missjonijiet Mitlufa ta' Laeken**

Bħala membri tal-Konvenzjoni, ma nistgħux niffirmaw l-abbozz tal-Kostituzzjoni ta' l-Ewropa. Ma jissodisfax il-ħtiġiet tad-Dikjarazzjoni ta' Laeken ta' Diċembru 2001.

Laeken jgħid **"l-Unjoni għandha titressaq iktar viċin taċ-ċittadini tagħha".**

It-trasferiment ta' iktar deċiżjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' ġustizzja kriminali u oqsma ġodda ta' politika domestika minn stati membri għall-Unjoni, jagħmel l-Unjoni iktar remota.

Laeken iżid li **"id-diviżjoni tal-kompetenzi għandha ssir iktar trasparenti".**

Imma l-kategorija ġdida ta' 'kompetenzi diviżi' ma tagħti ebda assigurazzjoni dwar kif għandu jinqasam il-poter, partikolarment ladarba stati membri jkunu pprojbiti jilleġislaw f'dawn l-oqsma jekk l-Unjoni tiddeċiedi li taġixxi.

Il-qorti ta' l-UE fil-Lussemburgu tiddeċiedi dwar kull dubju.

Laeken jiddeskrivi l-Unjoni bħala li qiegħda **"taġixxi b'wisq burokrazija".**

L-abbozz tal-Kostituzzjoni jonqos li jindirizza s-97,000 paġna akkumulati ta' l-*acquis communautaire*, u jipproponi strument legali ġdid, l-'Att Mhux Leġislattiv', fejn il-Kummissjoni mhux eletta tista' tgħaddi liġijiet li jorbtu.

Laeken jagħmel sejħa biex **"l-istituzzjonijiet Ewropej ikunu inqas ingombranti u riġidi".**

Imma l-Kostituzzjoni tagħti iktar poter lill-istituzzjonijiet kollha eżistenti ta' l-UE u toħloq Ewropa ta' Presidenti, b'iktar impiegi għal politikanti u inqas influwenza għan-nies.

Laeken jemfasizza l-importanza ta' parlamenti nazzjonali, u t-Trattat ta' Nizza "**għamel emfasi fuq il-bżonn li jiġi eżaminat ir-rwol tagħhom fl-integrazzjoni Ewropea".**

Il-Parlamenti Nazzjonali jitilfu l-influwenza fir-rigward tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew. Ir-rwol ġdid propost tagħhom f'li 'jassiguraw' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà mhuwiex fir-realtà iktar minn talba li l-Kummissjoni tista' tinjora. Ma hemmx kompetenza waħda li tiġi rritornata lil stati membri.

Laeken jgħajjat għal **"iktar trasparenza u effiċjenza"** fl-Unjoni.

Il-Kostituzzjoni tikkonċentra iktar poter eżekuttiv u tal-*budget* fl-istituzzjonijiet proprji ta' l-UE li kienu s-suġġett ta' skandli ripetuti u kontinwi dwar misamministrazzjoni, ħela u frodi.

Laeken jissuġġerixxi l-possibiltà ta' kostituzzjoni: **"Fl-aħħar titqajjem il-mistoqsija dwar jekk din is-simplifikazzjoni u r-riorganizzazzjoni ma tistax twassal għal żmien twil għall-adozzjoni ta' test kostituzzjonali ta' l-Unjoni".**

Is-suġġeriment li t-Trattati eżistenti intergovernattivi jiġu ttrasformati f'Kostituzzjoni Ewropea ġdida ġie aċċettat mill-ewwel, imma mingħajr ebda studju jew ta' l-alternattivi offerti jew tal-konsegwenzi għal żmien twil ta' dan l-att.

Fl-aħħar, il-mira ulterjuri ta' Laeken kienet **Ewropa Demokratika.**

L-abbozz tal-Kostituzzjoni joħloq stat Ewropew ċentralizzat ġdid, iktar b'saħħtu, iktar remot, b'iktar politikanti, iktar burokrazija, u distanza akbar bejn il-mexxejja u l-poplu.

It-Trattat ta' l-EURATOM iddaħħal fil-Kostituzzjoni fl-aħħar mument mingħajr ma ebda grupp tax-xogħol qatt kellu ċ-ċans jirrevedih.

**L-abbozz tal-kostituzzjoni ta' l-UE qatt ma ġie mfassal permezz tal-metodi normali demokratiċi**

- Il-pajjiżi applikanti ġew trattati bħala osservaturi fil-Presidju u ma kellhom ebda influwenza
- Biss 3 familji tal-politiċi kienu rappreżentati fil-Presidju importanti li fassal l-abbozz tat-test ta' "*tunnel vision*".
- Il-membri ġew rifjutati d-dritt li l-emendi tagħhom jiġu tradotti, distribwiti, diskussi u vvutati
- Il-Konvenzjoni ma kellha ebda Membri għal dak in-nofs tal-popolazzjoni, li rrifjuta t-trattat ta' Maastricht fi Franza jew it-Trattat ta' Nizza fl-Irlanda.
- Ma kienx hemm persuna waħda Ewroxettika jew Ewrorealista li tħalliet tosserva jew tipparteċipa fix-xogħol tal-Presidju, lanqas ħadd mis-segretarjati assistenti tiegħu.

Giscard ma ppermettiex votazzjoni demokratika u normali fil-Konvenzjoni. L-abbozz tal-kostituzzjoni jmur kontra l-prinċipji demokratiċi kollha. Aħna rridu abbozz ġdid minn konvenzjoni iktar rappreżentattiva, demokratika fil-kontenut u demokratika fil-proċeduri.

**Aħna hawnhekk nissottomettu l-15-il punt li ġej għall-konsiderazzjoni tal-Prim Ministri tagħna u ċ-ċittadini l-oħra li ġejjin.**

1. EWROPA TAD-DEMOKRAZIJI. L-Unjoni Ewropea (UE) m'għandux ikollha kostituzzjoni. Minflok, l-Ewropa għandha tiġi organizzata fuq bażi interparlamentari permezz ta' Trattat dwar il-Kooperazzjoni Ewropea. Dan joħloq Ewropa tad-Demokraziji (DE) fil-post ta' l-UE eżistenti. Jekk l-UE għandu jkollha isem ġdid għandu jkun Ewropa tad-Demokraziji.
2. TRATTAT ĦAFIF. Is-97,000 paġna preżenti ta' l-*acquis communautaire* li kopru l-UE u ż-ŻEE għandhom jiġu radikalment simplifikati. Minflok, il-punti fokali għandhom ikunu materji trans-fruntieri fejn parlamenti nazzjonali ma jistgħux jaġixxu weħidhom effettivament. Deċiżjonijiet dwar is-sussidjarjetà għandhom jiġu riżoluti mill-parlamenti nazzjonali.
3. FTUĦ GĦAD-DEMOKRAZIJI KOLLHA. Sħubija mad-DE għandha tkun miftuħa għal kull stat Ewropew demokratiku li huwa firmatarju ta', u jirrispetta kompletament, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani.
4. DEĊIŻJONIJIET SIMPLIFIKATI. It-30 mod preżenti differenti biex jittieħdu deċiżjonijiet fl-UE għandhom jitnaqqsu għal tnejn: liġijiet u rakkomandazzjonijiet. Meta tapplika maġġoranza kkwalifikata, il-proposta in kwistjoni għandha teħtieġ li 75% tal-voti jiġu espressi a favur, sakemm mhux dikjarat mod ieħor.
5. VETO FUQ KWISTJONIJIET VITALI. Il-Liġijiet għandhom ikunu validi biss jekk ikunu għaddewhom parlamenti nazzjonali. Parlament nazzjonali għandu jkollu veto fuq kwistjoni li jqis importanti.
6. IL-KWISTJONJIET PRINĊIPALI KOMUNI. Il-Liġijiet għandhom jittrattaw ir-regoli għas-Suq Komuni u ċerti *standards* minimi komuni għall-protezzjoni ta' impjegati, konsumaturi, saħħa, sigurtà u l-ambjent. F'oqsma oħra id-DE għandu jkollha l-poter toħroġ rakkomandazzjonijiet għal Stati Membri, li huma dejjem liberi li jadottaw *standards* ogħla.
7. KOOPERAZZJONI FLESSIBBLI. Id-DE tista' unanimament tapprova kooperazzjoni flessibbli għal dawn in-nazzjonijiet li jixtiequ jieħdu parti f'kooperazzjoni eqreb. Id-DE għandha wkoll tirrikonoxxi u tappoġġa organizzazzjonijiet oħra pan-Ewropej, bħall-Kunsill ta' l-Ewropa.
8. FTUĦ U TRASPARENZA. Il-proċess biex jittieħdu d-deċiżjonijiet u d-dokumenti rilevanti għandhom ikunu miftuħa u aċċessibbli, sakemm ma tiġix konfermata b'maġġoranza kkwalifikata kawża raġjonevoli għal eċċezzjoni.
9. VOTAZZJONI SEMPLIĊI TAL-KUNSILL. Għandha topera fuq il-Kunsill sistema sempliċi ta' votazzjoni, li tista' tinkludi lil kull Stat Membru li jippossjedi vot fil-Kunsill tad-DE. Deċiżjoni b'

maġġoranza kkwalfikata għandha teħtieġ l-appoġġ ta’ pajjiżi b’iktar minn nofs il-popolazzjoni totali tad-DE.

10. PARLAMENTI NAZZJONALI JELEĠĠU L-KUMMISSJONI. Kull parlament nazzjonali għandu jeleġġi l-membru proprju tal-Kummissjoni. Il-Kummissarju għandu jattendi l-Kumitati ta’ Skrutinju Ewropew tal-parlament nazzjonali kkonċernat. Il-Parlamenti nazzjonali għandu jkollhom il-poter li jneħħu il-Kummissarju tagħhom. Il-President tal-Kummissjoni għandu jiġi elett mill-parlamenti nazzjonali. Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jiddeċiedu dwar il-programm annwali leġislattiv u l-Kummissjoni għandha taġixxi b’mod korrispondenti bħala segretarjat għall-Kunsill u l-parlamenti nazzjonali.

11. EBDA LEĠISLAZZJONI MILL-QORTI. Għandu jitwaqqaf attiviżmu legali mill-Qorti Ewropea fil-Lussemburgu, u l-Qorti għandha tirrispetta l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

12. FTEHIM TA’ SĦUBIJA. L-Istati Membri u d-DE jistgħu jidħlu fi ftehim ta’ sħubija ta’ interess reċiproku ma’stati jew gruppi ta’ stati. Id-DE għandha tirrispetta d-demokrazija parlamentari tas-sħab tagħha u tista’ tassisti lil dawk l-iktar foqra b’għajnuna finanzjarja, waqt li żżomm ftehim ta’ kummerċ liberu.

13. SKRUTINJU AĦJAR. L-Ombudsman Ewropew, il-Qorti ta’ l-Awdituri u l-Kumitati għall-Kontroll tal-*Budget* tal-parlamenti Ewropej u nazzjonali għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti kollha u għall-kontijiet finanzjarji kollha.

14. UGWALJANZA TAL-LINGWI. Waqt il-leġislazzjoni, il-lingwi uffiċjali kollha tad-DE għandhom jiġu trattati b’mod ugwali.

15. IN-NAZZJONIJIET UNITI. Id-DE m’għandux ikollha l-armata tagħha. Iż-żamma tal-paċi u l-paċi għandhom ikunu mandati minn Nazzjonijiet Uniti u mill-Organizzazzjoni għal Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa. Stati Membri proprji għandhom jiddeċiedu jekk jagħżlux difiża komuni permezz tan-NATO, difiża indipendenti, jew isegwux politika ta’ newtralità.

Kontribuzzjoni minn membri tal-Konvenzjoni:

Abitbol, William - (Supplent) il-Parlament Ewropew
Bonde, Jens-Peter - (Membru) il-Parlament Ewropew
Dalgaard, Per - (Supplent) id-Danimarka – il-Parlament
Gormley, John - (Supplent) l-Irlanda - Parlament
Heathcoat-Amory, David - (Membru) - UK - Parlament
Seppanen, Esko - (Supplent) il-Parlament Ewropew

Skaarup, Peter - (Membru) id-Danimarka – il-Parlament

Zahradil, Jan - (Membru) ir-Repubblika Ċeka – il-Parlament